IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.12.2023
C(2023) 8627 final

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' 12.12.2023**

**dwar il-promozzjoni tal-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika**

MT MT

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta' 12.12.2023**

**dwar il-promozzjoni tal-involviment u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Kif imnaqqax fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. L-Artikolu 10(3) tat-TUE jipprovdi lil kull ċittadin bid-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u jirrikjedi li d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib iċ-ċittadin. L-Artikolu 165(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") jipprovdi bażi biex l-Unjoni tieħu azzjoni biex tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa.

(2) L-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") jiżgura d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal-libertà ta' għaqda. Dan jinvolvi d-dritt tal-individwi li jingħaqdu fi gruppi jew fi strutturi organizzati. Dak id-dritt - kif rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) - jikkostitwixxi wieħed mill-pedamenti essenzjali ta' soċjetà demokratika u pluralista, peress li jippermetti liċ-ċittadini jaġixxu kollettivament f'oqsma ta' interess komuni u, b'hekk, jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tal-ħajja pubblika. Barra minn hekk, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 11 tal-Karta, jinkludi l-libertà li jinżammu u li jiġu espressi opinjonijiet u li tiġi riċevuta u trażmessa informazzjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 41 tal-Karta dwar id-dritt għal amministrazzjoni tajba jimponi fuq l-amministrazzjoni l-obbligu li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 24 tal-Karta jinkludi d-dritt tat-tfal li jesprimu l-fehmiet tagħhom b'mod liberu u jipprevedi li tali fehmiet jitqiesu fuq kwistjonijiet li jirrigwardawhom f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom.

(3) Jenħtieġ li involviment inklużiv u effettiv tal-awtoritajiet pubbliċi maċ-ċittadini, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika tagħhom jiġi promoss b'mod attiv. Il-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika ma jkoprux deċiżjonijiet individwali tal-amministrazzjoni li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet tal-individwi. Huwa meħtieġ approċċ imfassal apposta peress li l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' ċittadini individwali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mhumiex l-istess.

(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri joħolqu u jżommu ambjent sikur u favorevoli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex isaħħu l-involviment effettiv tagħhom u jiżguraw li jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika, u b'hekk jeżerċitaw rwol ewlieni fid-demokraziji fl-Unjoni. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili spiss jissejħu strutturi

mhux Statali, mingħajr skop ta' qligħ, mhux partiġġjana u mhux vjolenti, li bihom in-nies jorganizzaw ruħhom biex isegwu l-istess objettivi u ideali[1]. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem huma individwi, gruppi u organi tas-soċjetà li jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti universalment, f'konformità mad-definizzjoni ppreżentata fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (1998)[2] u li ssir referenza għaliha wkoll fil-linji gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem[3]. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ifittxu l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ċivili u politiċi, kif ukoll il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali[4]. L-Unjoni timpenja ruħha li taħdem ma' organizzazzjonijiet li jirrispettaw il-valuri u d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta.

(5) Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tiġi żgurata fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew u internazzjonali. Dan hu rikonoxxut ukoll mil-Linji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istati dwar l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt ta' parteċipazzjoni fl-affarijiet pubbliċi[5], ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-istatus legali tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-Ewropa[6] u dwar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja pubblika lokali[7], u dwar id-demokrazija deliberattiva[8], ir-Rakkomandazzjoni tal-OECD dwar il-Gvern Miftuħ[9], il-Kodiċi ta' Prattiki Tajba għall-Parteċipazzjoni Ċivili fil-Proċess tat-Teħid tad-Deċiżjonijiet tal-Konferenza tal-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi internazzjonali (INGOs, International Non-governmental Organisations)[10], u l-Linji Gwida komuni tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni[11].

(6) It-tfassil ta' politika infurmat bl-evidenza jfisser li jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi jinvolvu lil dawk affettwati mir-regoli u mid-deċiżjonijiet li jkunu qed jittieħdu u

[1] Ara pereżempju l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-Għeruq ta' Demokrazija u Żvilupp Sostenibbli", COM (2012) 492 final.

[2] https://www.ohchr.org/en/instruments-mechanisms/instruments/declaration-right-and-responsibility-individuals-groups-and

[3] https://www.eeas.europa.eu/sites/default/files/eu_guidelines_hrd_en.pdf

[4] F'din ir-Rakkomandazzjoni, jenħtieġ li kwalunkwe referenza għal "organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili" tinftiehem bħala li tirreferi wkoll għal "difensuri tad-drittijiet tal-bniedem".

[5] In-NU, Guidelines on the effective implementation on the right to participate in public affairs, 2018.

[6] Il-Kunsill tal-Ewropa, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri CM/Rec (2007)14 dwar l-istatus legali tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-Ewropa.

[7] Il-Kunsill tal-Ewropa, Recommendation of the Committee of Ministers to member States CM/Rec (2001)19 u Recommendation CM/Rec(2018)4 on the participation of citizens in local public life. Fil-livell lokali, ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, Recommendation of the Committee of Ministers to member states CM/Rec (2009)2 on the evaluation, auditing and monitoring of participation and participation policies at local and regional level, u l-Kunsill tal-Ewropa, Additional Protocol to the European Charter of Local Self-Government on the rights to participate in the affairs of a local authority.

[8] Il-Kunsill tal-Ewropa, Recommendation of the Committee of Ministers to member States CM/Rec(2023)6 of the Committee of Ministers to member States on deliberative democracy

[9] L-OECD, Recommendation of the Council on Open Government, OECD/LEGAL/0438.

[10] Il-Konferenza tal-INGOs, Code of good practice for civil participation in the decision-making process revised, fit-30 ta' Ottubru 2009.

[11] https://www.osce.org/files/f/documents/3/b/132371.pdf

jiġbru b'mod attiv il-fehmiet u l-evidenza tagħhom, fl-istadji kollha tal-proċessi tat-tfassil tal-politika. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom interess li jappoġġaw b'mod attiv il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika. Dan jinkludi metodi innovattivi bħal attivitajiet kulturali u l-involviment ta' organizzazzjonijiet kulturali li ntwera li jsaħħu l-involviment ċiviku, id-demokrazija u l-koeżjoni soċjali[12]. Jenħtieġ li l-Istati Membri jrawmu ambjent inklużiv u ta' appoġġ li jipprovdi opportunitajiet liċ-ċittadini biex jipparteċipaw b'mod effettiv f'tali proċessi. Tali ambjent isaħħaħ it-trasparenza u r-reżiljenza kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni u jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fiduċja fid-demokrazija rappreżentattiva.

(7) Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika pubblika tappoġġa l-parteċipazzjoni elettorali u tħeġġeġ liċ-ċittadini jieħdu sehem f'demokrazija rappreżentattiva, inkluż billi jagħmlu kampanji u joħorġu bħala kandidati. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li ċ-ċittadini jkollhom aċċess għal informazzjoni permezz tal-kanali u l-għodod xierqa għall-parteċipazzjoni kif ukoll għar-riżorsi biex itejbu s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni.

(8) Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni fit-tfassil tal-politika pubblika tkun inklużiva u tirrifletti bl-aħjar mod possibbli l-konfigurazzjoni u d-diversità demografiċi ta' kostitwenza, kif ukoll il-ħtiġijiet ta' gruppi sottorappreżentati jew ta' persuni b'diżabilità[13]. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu possibbiltajiet biex jipparteċipaw permezz ta' eżerċizzji u mekkaniżmi adattati u aċċessibbli kemm online kif ukoll offline inkluż żoni rurali u remoti.

(9) It-teknoloġiji diġitali qed jittrasformaw il-proċessi tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni, kif ukoll il-mod kif l-awtoritajiet pubbliċi jinteraġixxu maċ-ċittadini. L-użu ta' teknoloġiji ġodda fil-proċessi tat-tfassil tal-politika, bħall-pjattaformi online u l-għodod ta' governanza elettronika, jista' jappoġġa interazzjoni msaħħa bejn iċ-ċittadini u l-gvernijiet tagħhom. Jenħtieġ li l-introduzzjoni ta' tekniki bħal dawn tirrispetta s-sistema ta' kontrokontrolli ta' soċjetà demokratika u tiġi protetta kif xieraq mir-riskji ta' attakki ċibernetiċi u s-sorveljanza online. Filwaqt li jiġi rikonoxxut il-potenzjal ta' soluzzjonijiet diġitali biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni pubblika, ir-rwol tagħhom f'dan ir-rigward jista' ma jkunx biżżejjed u jkompli jkabbar il-qasma diġitali. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li, fejn rilevanti, tibqa' tiġi prevista u permessa l-parteċipazzjoni wiċċ imb wiċċ.

(10) Il-litteriżmu fil-media u l-ħiliet diġitali huma importanti biex persuna tipparteċipa fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika online, biex taċċessa u tinnaviga informazzjoni rilevanti, tinvolvi ruħha mal-awtoritajiet u tiżviluppa l-kapaċità li tidentifika l-informazzjoni manipulata, inkluż id-diżinformazzjoni, u tkun reżiljenti fil-konfront tagħha. Dawn il-ħiliet jistgħu jkomplu jitrawmu permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u

[12] Ara "Culture and Democracy: the evidence – the importance of citizens' participation in cultural activities for civic engagement, democracy and social cohesion – lessons from international research, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, Mejju 2023.

[13] Ara pereżempju r-referenza għall-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità u r-Rom fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità 2021-2030 Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità", COM(2021) 101 final u "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni", COM(2020) 620 final.

permezz tat-tagħlim mhux formali u informali u l-ħidma fost iż-żgħażagħ, b'enfasi fuq il-ħsieb kritiku[14]. Huwa meħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha, li jaħdem ukoll ma' organizzazzjonijiet li jiżviluppaw inizjattivi fil-livell lokali u jwettqu attivitajiet ta' monitoraġġ u prevenzjoni tad-diżinformazzjoni u l-konfutazzjoni tagħha.

(11) Forom innovattivi ta' parteċipazzjoni li jinvolvu liċ-ċittadini direttament, bħal proċessi ta' kokreazzjoni online u wiċċ imb wiċċ, huma prattiki promettenti biex jappoġġaw u jġeddu l-mekkaniżmi ta' governanza. Jgħinu fil-mobilizzazzjoni taċ-ċittadini biex jindirizzaw problemi kumplessi ta' politika inkluż it-tibdil fil-klima u deċiżjonijiet ta' investiment fl-infrastruttura[15].

(12) Dawn il-forom innovattivi ta' parteċipazzjoni u involviment fit-tfassil tal-politika pubblika jistgħu jitwettqu fi stadji differenti tat-tfassil tal-politika u jistgħu jiġu organizzati f'diversi formati, bħal panels taċ-ċittadini, ġuriji jew assemblej online jew offline, konferenzi ta' kunsens, ibbaġitjar parteċipattiv u kokreazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-amministrazzjonijiet pubbliċi jkollhom riżorsi finanzjarji u kompetenzi adegwati biex jorganizzaw tali eżerċizzji filwaqt li jqisu, pereżempju, ir-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.

(13) L-Istati Membri jistgħu jużaw l-għarfien espert u l-aħjar prattiki fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa[16]. Sabiex tappoġġa l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini, u bħala segwitu għall-Konferenza, il-Kummissjoni qed timplimenta fażi ġdida ta' involviment taċ-ċittadini li ssaħħaħ l-istandards u l-għodod tagħha inklużi l-Panels taċ-Ċittadini Ewropej, li jlaqqgħu flimkien ċittadini magħżula b'mod aleatorju mill-Istati Membri kollha, li terz minnhom ikunu żgħażagħ fl-età ta' bejn is-16 u l-25 sena, li qed jiddiskutu proposti ewlenin li ġejjin u issa huma karatteristika regolari tal-ħajja demokratika fl-Unjoni[17]. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa wkoll wiċċ ġdid għall-portal "Semma' Leħnek" bħala punt uniku ta' servizz għall-involviment online taċ-ċittadini. Il-portal "Semma' Leħnek" jippermetti li ċ-ċittadini jinteraġixxu f'livelli differenti mal-istituzzjonijiet Ewropej: mill-espressjoni tal-opinjoni tagħhom dwar inizjattivi leġiżlattivi (konsultazzjonijiet pubbliċi), għad-dibattitu u d-deliberazzjoni ma' Ewropej oħra, għat-tressiq tal-proposti tagħhom stess għall-Unjoni li jixtiequ jgħixu fiha, permezz tal-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej. Iżżomm diversi karatteristiki uniċi li ġew żviluppati għall-Pjattaforma Diġitali Multilingwi tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll Ċentru ta' Kompetenza dwar id-demokrazija parteċipattiva u deliberattiva[18] biex tappoġġa l-adozzjoni ta' dawn il-prattiki fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, permezz

---

14 Il-Kunsill tal-Ewropa, Digital Citizenship Education Handbook, https://rm.coe.int/16809382f9. Ara wkoll, il-Kummissjoni Ewropea, Engaging with Food, People and Places. https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC121910

15 Ara l-inizjattivi taħt il-Patt Klimatiku Ewropew (europa.eu). Ara wkoll ir-rapport tal-OECD "Innovative Citizen Participation and New Democratic Institutions - Catching the Deliberative Wave" (2020) u d-Dikjarazzjoni tal-OECD OECD/LEGAL/0484 tat-18 ta' Novembru 2022, Building Trust and Reinforcing Democracy, https://legalinstruments.oecd.org/en/instruments/OECD-LEGAL-0484

16 Ir-Rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza dwar il-futur tal-Ewropa, "Il-futur jinsab f'idejk", id-9 ta' Mejju 2022.

17 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa "Naqilbu l-Viżjoni f'Azzjoni Konkreta" tas-17 ta' Ġunju 2022 (COM/2022/404 final) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52022DC0404. Ara wkoll il-paġna web tal-panels taċ-ċittadini Ewropej (europa.eu).

18 https://knowledge4policy.ec.europa.eu/participatory-democracy/about_mt

tal-konnessjoni tal-prattikanti u tar-riċerkaturi madwar l-Unjoni u t-twettiq ta' riċerka dwar l-aħjar prattiki u innovazzjonijiet, kemm online kif ukoll offline.

(14) L-Istati Membri jistgħu wkoll jieħdu eżempji minn inizjattivi meħuda fl-ambitu tal-liġijiet tad-demokrazija ambjentali u japplikaw inizjattivi simili f'oqsma oħra tat-tfassil tal-politika pubblika. Dawn l-eżempji huma relatati b'mod speċjali ma' obbligi li jidderivaw mill-Konvenzjoni ta' Aarhus[19], u mir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20], jew mill-Parlamenti bejn il-Pari[21] organizzati mill-Unjoni, pereżempju fil-qafas tal-Patt Klimatiku Ewropew, biex jiġi diskuss kif l-individwi, il-gvernijiet lokali u nazzjonali u l-Unjoni Ewropea jistgħu jiġġieldu t-tibdil fil-klima bl-aħjar mod.

(15) L-Unjoni, fil-kompetenza tagħha, u l-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[22]. Din il-Konvenzjoni tirrikjedi li l-Istati Partijiet, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni u politiki biex jimplimentaw il-konvenzjoni, u fi proċessi oħra ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet relatati ma' persuni b'diżabbiltà, jikkonsultaw mill-qrib ma' persuni b'diżabbiltà u jinvolvuhom b'mod attiv, inklużi tfal b'diżabbiltà. Jenħtieġ li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] u jenħtieġ li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.

(16) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistimolaw il-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Unjoni biex jappoġġaw l-involviment fit-tul tagħhom fid-demokraziji Ewropej bħala ċittadini attivi u vetturi ta' bidla trasformattiva pożittiva. Dan huwa mitlub mill-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea dwar id-drittijiet tat-tfal[24], mill-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ[25] u minn riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew[26].

---

[19] Il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus).

[20] Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1367/oj).

[21] https://climate-pact.europa.eu/about/peer-parliaments_mt

[22] Ara l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u l-Protokoll Fakultattiv tagħha (A/RES/61/106). Skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, "akkomodazzjoni raġonevoli" tfisser modifika u aġġustamenti meħtieġa u xierqa li ma jimponux piż sproporzjonat jew bla bżonn, fejn meħtieġ f'każ partikolari, biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jgawdu jew jeżerċitaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha.

[23] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70 ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/882/oj).

[24] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal", COM(2021) 142 final,, 24.3.2021.

[25] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ 2019-2027 tat-18 ta' Diċembru 2018 (2018/C 456/01), p. 1.

[26] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-Djalogi taċ-Ċittadini tas-7 ta' Lulju 2021 dwar id-djalogi maċ-ċittadini u l-Parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess deċiżjonali tal-UE (2020/2201(INI)), il-punt 17.

L-Istati Membri jistgħu jitgħallmu mill-aħjar prattiki tal-kunsilli u l-proċessi eżistenti tat-tfal u ż-żgħażagħ, bħad-Djalogi tal-UE maż-Żgħażagħ[27], il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal[28] u r-Rokna tat-Tagħlim[29]. Barra minn hekk, kunsilli għall-persuni aktar anzjani u għall-persuni b'diżabilità jistgħu jitqiesu wkoll bħala eżempji tajbin biex jintegraw il-fehmiet taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika pubblika.

(17) L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali huma mezz importanti biex jiġu indirizzati l-vuċijiet ta' individwi u gruppi differenti fis-soċjetà, inkluż ta' dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli u jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u l-iżvilupp ekonomiku. Dawn irawmu l-pluraliżmu u l-akkontabbiltà tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u b'hekk isaħħu l-kwalità tad-demokrazija rappreżentattiva, kif rikonoxxut skont il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija[30], ir-Rapport tal-2022 dwar l-applikazzjoni tal-Karta[31], ir-rapporti annwali dwar l-Istat tad-dritt[32], u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024[33]. Ir-rwol importanti tas-soċjetà ċivili fis-sistema ta' kontrokontrolli ta' demokraziji b'saħħithom ġie enfasizzat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), li konsistentement enfasizzat li l-mod li bih l-għassiesa pubbliċi jwettqu l-attivitajiet tagħhom jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-funzjonament tajjeb ta' soċjetà demokratika.

(18) Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-dritt jivvaluta l-iżviluppi relatati mal-inklużività tal-proċessi leġiżlattivi u l-involviment tas-soċjetà ċivili bħala element wieħed tar-rispett tal-istat tad-dritt u f'diversi każijiet indirizza rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri individwali dwar din il-kwistjoni. Kif affermat fir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-dritt, "it-titjib tal-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, inkluż għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jista' jkun ta' benefiċċju għall-kwalità tal-leġiżlazzjoni kif ukoll għat-trasparenza tal-proċess". Għall-kuntrarju, in-nuqqas ta' proċessi formalizzati għall-kontribuzzjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet, strateġiji ta' konsultazzjoni li jsiru tard u frammentati, għażla selettiva u mhux trasparenti tal-interlokuturi, u n-nuqqas ta' segwitu effettiv iqajmu tħassib minn perspettiva tal-istat tad-dritt u jagħmlu ħsara serja lill-proċessi demokratiċi. Il-ħtieġa li jiġi rikonoxxut ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex ikunu jistgħu jaġixxu u biex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ikunu fis-seħħ sabiex ikunu jistgħu jiġu involuti kif xieraq fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali u tal-Unjoni hija enfasizzata wkoll fir-Rapport tal-2022 dwar l-applikazzjoni tal-Karta.

(19) Parteċipazzjoni effettiva u inklużiva fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika hija possibbli biss meta l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jaħdmu

---

27 Id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ |Il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ (europa.eu)

28 Il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal (europa.eu)

29 Rokna tat-tagħlim (europa.eu)

30 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, dwar il-pjan ta' azzjoni Ewropew għad-Demokrazija, COM(2020) 790 final, 3.12.2020, p. 1.

31 Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Spazju ċiviku b'saħħtu għaż-żamma tad-drittijiet fundamentali fl-UE Rapport Annwali tal-2022 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, COM(2022) 716 final, 6.12.2022.

32 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea, COM(2023) 800 final, 5.7.2023, p. 26.

33 Il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 (JOIN(2020) 5 final).

f'ambjent sigur u favorevoli fejn id-drittijiet fundamentali tagħhom u dawk tal-membri tagħhom ikunu rrispettati, inkluż dawk tal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda u ta' espressjoni u aċċess għall-informazzjoni, kif ukoll id-drittijiet għal-libertà u s-sigurtà, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-*data* personali, il-proprjetà u n-nondiskriminazzjoni, f'sistema demokratika li tirrispetta l-istat tad-dritt. Sabiex jippermettu l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jeħtieġu spazju ċiviku sikur, b'saħħtu u prosperuż, fejn ikunu protetti, appoġġati u mogħtija s-setgħa[34] u fejn ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ il-libertajiet fundamentali tas-Suq Intern. Huma meħtieġa sforzi kontinwi biex jinħoloq u jitrawwem spazju ċiviku abilitanti bħal dan, għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jaġixxu b'rispett sħiħ tal-valuri tal-Unjoni[35].

(20) Il-QĠUE ddeċidiet li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu jistgħu jkomplu "l-attivitajiet [tagħhom] u [jiffunzjonaw] mingħajr indħil mhux iġġustifikat mill-Istat"[36], u l-QEDB enfasizzat li jenħtieġ li l-Istati Membri mhux biss iżommu lura milli jindaħlu bla bżonn meta l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jsegwu l-attivitajiet tagħhom, iżda jenħtieġ li jipprovdu wkoll ambjent favorevoli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili permezz ta' miżuri legali, amministrattivi u prattiċi[37]. Tali spazju huwa komponent ewlieni tas-sistemi demokratiċi fejn l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jiġu rrispettati u miżmuma.

(21) L-awtoritajiet pubbliċi għandhom id-dmir li jipproteġu l-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni u s-sigurtà tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili billi jipprovdu ambjent legali xieraq, jimmonitorjaw u jfittxu li jindirizzaw b'mod effettiv it-theddid kontra l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jipprovdu aċċess għal servizzi ta' appoġġ adegwati, u finanzjament u riżorsi oħra li jippermettulhom iwettqu xogħolhom. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jiżguraw spazju sikur għall-

---

[34] Ir-Rapport mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, State of Democracy, Human Rights and the Rule of law in Europe, A shared responsibility for democratic security in Europe, p. 53. Ara wkoll, il-Kunsill tal-Ewropa, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri ,CM(2017)83-final, Guidelines for civil participation in political decision making. Ara wkoll Recommendation CM/Rec(2018)11 of the Committee of Ministers to member States on the need to strengthen the protection and promotion of civil society space in Europe. Fil-livell tan-NU, ara l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, 2018, Guidelines for States on the effective implementation of the right to participate in public affairs.

[35] Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; Ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE, l-24 ta' Frar 2023, 6675/23, il-punti 9, 12 u 16. Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill stieden lill-Istati Membri jippromwovu ambjent abilitanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom f'konformità mal-valuri tal-Unjoni mingħajr interferenza mhux ġustifikata mill-Istat kif meħtieġ mill-istandards tal-UE u dawk internazzjonali. Ara wkoll ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Marzu 2022 dwar l-ispazju jiċkien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa (2021/2103(INI)) u r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2022 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar statut għall-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ transfruntieri Ewropej (2020/2026(INL)) u r-Rapport Annwali tal-2022 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, COM/2022/716 final, p. 34. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea, COM(2023) 800 final, p. 26.

[36] Il-QĠUE, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, C-78/18, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, ECLI:EU:C:2020:476, il-punt 106.

[37] Il-QEDB, is-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2005, *Ouranio Toxo et al vs il-Greċja*, l-applikazzjoni nru 74989/01, § 35.

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, matul dawn l-aħħar snin, f'xi Stati Membri ġie osservat għadd dejjem akbar ta' attakki fiżiċi, verbali u diġitali kontrihom, mibegħda, fastidju, intimidazzjoni, kampanji ta' tħammiġ, inkluż il-kriminalizzazzjoni tax-xogħol umanitarju b'rabta mad-drittijiet fundamentali, restrizzjonijiet amministrattivi u legali, sorveljanza illegali, u l-użu ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni tal-pubbliku[38]. Diversi studji juru wkoll li fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dawk l-aktar affettwati huma dawk li jaħdmu fuq id-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, id-drittijiet tal-LGBTIQ, id-drittijiet tal-migranti u tal-persuni li jfittxu l-ażil, l-integrità pubblika u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-protezzjoni ambjentali.

(22) L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkollhom aċċess għar-riżorsi finanzjarji u jkunu liberi li jużawhom[39], anki bl-użu ta' fondi mill-UE. Huma biss l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili b'riżorsi adegwati li jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika.

(23) L-Unjoni diġà tipprovdi biżżejjed opportunitajiet ta' finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jimplimentaw proġetti li jgħinu fit-trawwim tal-valuri tal-Unjoni. Biex tiffaċilita n-navigazzjoni fi programmi differenti, il-Kummissjoni stabbiliet portal li huwa aċċessibbli faċilment li jaġixxi bħala gateway unika għall-fondi tal-Unjoni u jippermetti li jinstabu opportunitajiet ta' finanzjament relatati mad-demokrazija[40]. Il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju dedikat għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri taħt il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri. Dan il-Programm għandu l-għan li jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet u l-valuri kif imnaqqxa fit-Trattati, fil-Karta u fil-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari billi jappoġġa l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra attivi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali, u billi jħeġġeġ il-parteċipazzjoni ċivika u demokratika, sabiex jiġu sostnuti u jkomplu jiżviluppaw soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi li huma bbażati fuq l-istat tad-dritt. Barra minn hekk, il-programmi Erasmus+, Korp Ewropew ta' Solidarjetà u Ewropa Kreattiva joffru opportunitajiet ta' finanzjament għall-kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-involviment ċiviku u l-parteċipazzjoni demokratika. Il-programm qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont Ewropa jappoġġa wkoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet f'għadd ta' oqsma tematiċi tar-riċerka[41]. Intużat ukoll assistenza teknika għar-riforma

---

38 Ara l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, Challenges facing civil society organisations working on human rights in the EU, 2018; Protecting civic space in the EU, 2021; Europe's civil society: still under pressure – 2022 update, 2022. Ara wkoll il-monitoraġġ tas-CIVCUS https://monitor.civicus.org/.

39 L-Artikolu 13 tad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Linji Gwida tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-OSKE-ODIHR dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-prinċipju 7, p. 42, https://www.osce.org/odihr/132371.

40 Finanzjament u offerti (europa.eu)

41 Pereżempju, Orizzont Ewropa se jappoġġa l-ittestjar u l-implimentazzjoni tar-riżultati tar-riċerka, inkluż għall-esperimentazzjoni b'innovazzjonijiet demokratiċi fil-qasam tal-parteċipazzjoni ċivika (ara HORIZON-CL2–2024-DEMOCRACY-01–12). Rapport reċenti ġabar ir-riżultati tar-riċerka tal-UE dwar id-demokrazija parteċipattiva u deliberattiva. Se jappoġġa wkoll network ġdid għal soluzzjonijiet innovattivi għall-futur tad-demokrazija li jlaqqa' flimkien madwar l-Ewropa r-riċerkaturi fid-demokrazija mal-prattikanti tal-parteċipazzjoni ċivika, u tad-deliberazzjoni u tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza biex jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politika, abbażi tar-riżultati tar-riċerka (ara HORIZON-CL2–2022-DEMOCRACY-02–01).

amministrattiva fl-Istati Membri taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u tippreżenta għażliet għall-bini tal-kapaċità ta' finanzjament fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-awtoritajiet pubbliċi għal prattiki parteċipattivi. Il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni huma obbligati li jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni meta jimplimentaw dan il-finanzjament, u l-Kummissjoni implimentat miżuri biex tappoġġa l-konformità u tindirizza ksur possibbli.

(24) L-impenn tal-Unjoni li tikkontribwixxi għall-protezzjoni u għall-promozzjoni ta' spazju ċiviku sigur u favorevoli huwa rifless ukoll fl-azzjoni esterna tagħha, inkluż fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2020-2024)[42]. Huwa deskritt ukoll fil-linji gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem[43] u affermat mill-ġdid fil-Komunikazzjoni tal-2012 "L-Għeruq ta' Demokrazija u Żvilupp Sostenibbli: il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni"[44], fil-Linji Gwida għall-appoġġ tal-UE lis-soċjetà ċivili fir-Reġjun tat-Tkabbir 2021-2017 u fil-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ fl-Azzjoni Esterna tal-UE[45]. Is-saħħa u l-kredibbiltà tal-azzjoni meħuda mill-Unjoni biex tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem globalment hija bbażata fuq il-mod kif l-Unjoni trawwem u ssaħħaħ is-sisien demokratiċi u tad-drittijiet fundamentali tagħha fi ħdan l-Unjoni.

(25) Din ir-Rakkomandazzjoni hija parti mill-Pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija li jinkludi wkoll proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi rekwiżiti armonizzati fis-suq intern dwar it-trasparenza tar-rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi u Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni u li ssaħħaħ in-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

(26) Din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq is-sejbiet tar-Rapport tal-2022 dwar l-applikazzjoni tal-Karta u tar-rapporti annwali dwar l-Istat tad-dritt, filwaqt li tanalizza s-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-qafas għas-soċjetà ċivili. Din ir-Rakkomandazzjoni tikkomplementa l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija, li huwa mfassal biex jagħti s-setgħa liċ-ċittadini u jibni demokraziji aktar reżiljenti madwar l-Unjoni billi jippromwovi elezzjonijiet ħielsa u ġusti, isaħħaħ il-libertà tal-media u jiġġieled kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media[46], u l-inizjattiva tal-Kummissjoni 2022 kontra kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (anti-SLAPP)[47]. Dan jibni fuq l-azzjonijiet ta' prijorità mħabbra fil-Komunikazzjoni

---

42 https://www.eeas.europa.eu/sites/default/files/eu_action_plan_on_human_rights_and_democracy_2020-2024.pdf

43 https://www.eeas.europa.eu/sites/default/files/02_hr_guidelines_defenders_en_0.pdf

44 Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

45 Youth Action Plan (Joint communication by the Commission and the High Representative) |Sħubijiet Internazzjonali (europa.eu)

46 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 331, 20.9.2021, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/1534/oj).

47 Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") COM(2022) 177 final, 2022/0117(COD) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni

"Rapport tal-2020 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE"[48] u jikkomplementa l-Pakkett dwar iċ-Ċittadinanza ppreżentat fi tmiem l-2023.

(27) Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri. Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali għall-adeżjoni mal-Unjoni kif ukoll il-pajjiżi tal-politika tal-viċinat tal-Unjoni huma wkoll imħeġġa jsegwu din ir-Rakkomandazzjoni,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

## Suġġett

1. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tippromwovi l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika pubblika biex tgħin fil-bini tar-reżiljenza demokratika fl-Unjoni. Din tħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu aktar opportunitajiet għaċ-ċittadini u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika mwettqa mill-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, f'konformità mal-istandards stabbiliti u mal-prattiki tajbin.

2. L-Istati Membri huma rakkomandati joħolqu u jżommu ambjent sigur u abilitanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jippermettulhom jinvolvu ruħhom b'mod effettiv fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika. Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri effettivi, xierqa u proporzjonati biex jipproteġu, jappoġġaw u jagħtu s-setgħa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiżguraw spazju ċiviku b'saħħtu.

## Qafas ġenerali għall-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

3. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu u jiffaċilitaw qafas li jippermetti liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jipparteċipaw fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika ("qafas għall-parteċipazzjoni") u jiżguraw li l-qafas għall-parteċipazzjoni jiġi implimentat f'konformità mal-gwida f'din ir-Rakkomandazzjoni.

4. Jenħtieġ li l-qafas għall-parteċipazzjoni jiżgura t-trattament rispettuż tal-parteċipanti kollha, li jenħtieġ li jkunu jistgħu jipparteċipaw liberament u mingħajr indħil bla bżonn.

5. Jenħtieġ li l-qafas għall-parteċipazzjoni jkun ċar u aċċessibbli, inkluż billi jiġi żgurat it-tixrid ta' informazzjoni f'waqtha u adegwata, filwaqt li jiġu pprovduti opportunitajiet ġenwini u mezzi xierqa ta' parteċipazzjoni bbażati fuq parametri predefiniti. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri:

   (a) jiżguraw il-parteċipazzjoni dwar suġġetti ta' interess pubbliku b'mod kontinwu u regolari u mhux biss matul il-perjodi elettorali;

pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L 138, 17.5.2022, p. 30).

[48] Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE tal-2020 - Responsabbilizzazzjoni taċ-ċittadini u protezzjoni tad-drittijiet tagħhom, COM(2020) 730 final.

(b) ikollhom fis-seħħ politika jew qafas regolatorju definit b'mod ċar kemm għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi l-objettivi, il-proċeduri u l-atturi rilevanti involuti;

(c) japplikaw biss limitazzjonijiet proporzjonati u kkomunikati b'mod ċar għall-qafas imsemmi fil-punt (b) u jiżguraw l-aċċess taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għal mekkaniżmu ta' rimedju, fejn rilevanti;

(d) jippermettu l-parteċipazzjoni fl-istadji bikrija tal-proċessi tat-tfassil tal-politika, fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet, tal-prijoritajiet u tad-definizzjoni ta' għażliet ta' politika possibbli;

(e) jipprovdu informazzjoni xierqa u meħtieġa dwar eżerċizzju speċifiku ta' parteċipazzjoni, fil-ħin u f'formati faċilment aċċessibbli, inkluż il-kuntest u t-tip ta' miżuri previsti, il-proċeduri, l-iskeda ta' żmien għall-parteċipazzjoni, l-awtorità responsabbli għall-eżerċizzju u d-dettalji ta' kuntatt tagħha;

(f) jipprovdu l-aktar aċċess wiesa' possibbli għall-informazzjoni u għad-dokumenti ewlenin kemm offline kif ukoll online, inkluż permezz tas-siti web tal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, u jxerrdu tali informazzjoni lill-pubbliku b'mod proattiv u wiesa', b'lingwa aċċessibbli, mingħajr ħlas u mingħajr ostakli amministrattivi bla bżonn;

(g) jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-informazzjoni tiġi pprovduta b'mod speċifiku liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li x'aktarx jiġu affettwati, b'attenzjoni partikolari għall-individwi u l-gruppi l-aktar emarġinati, sottorappreżentati u vulnerabbli;

(h) jipprevedu riżorsi u żmien suffiċjenti biex jiżguraw impatt sinifikanti u jqisu l-istaġuni tal-vaganzi fil-kuntesti nazzjonali biex jippermettu parteċipazzjoni xierqa;

(i) jipprovdu modi ta' parteċipazzjoni b'mod mhux diskriminatorju u aċċessibbli, inkluż għal persuni b'diżabilità, mingħajr formalitajiet eċċessivi u mingħajr ħlas.

6. Jenħtieġ li l-qafas għall-parteċipazzjoni jkun trasparenti u jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-iskrutinju tal-proċessi nfushom. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri:

(a) jinfurmaw lil dawk li pparteċipaw bl-eżitu tal-proċess tat-tfassil tal-politika pubblika, u s-segwitu għall-eżerċizzji ta' parteċipazzjoni imwettqa;

(b) jistiednu regolarment liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jipparteċipaw fi stadji differenti tal-proċessi tat-tfassil tal-politika, inkluż fl-istadju tar-rieżami tal-politiki;

(c) jevalwaw b'mod perjodiku l-qafas tagħhom għall-parteċipazzjoni bil-ħsieb li jtejbuh u jaġġustawh, pereżempju biex jiġu adottati metodi aktar faċli għall-utent, effettivi u innovattivi.

7. Jenħtieġ li l-qafas għall-parteċipazzjoni jkun inklużiv u jiżgura li ċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkollhom opportunità ugwali biex jipparteċipaw u li jkun hemm pluralità ta' opinjonijiet li jitqiesu, inklużi dawk tal-persuni sottorappreżentati, l-aktar vulnerabbli u emarġinati. B'mod partikolari:

(a) jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex jużaw għodod u metodi li jwasslu għall-akbar parteċipazzjoni possibbli taċ-ċittadini, tal-gruppi u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jenħtieġ li jippromwovu l-għażla ta' proċessi ta' parteċipazzjoni faċilment aċċessibbli u nondiskriminatorji;

(b) jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevjenu u jneħħu l-ostakli għall-parteċipazzjoni ta' gruppi sottorappreżentati, billi jqisu l-ħtiġijiet speċjali, inklużi dawk tal-persuni b'diżabilità, iż-żgħażagħ, il-persuni anzjani, iċ-ċittadini bi sfond ta' migrazzjoni u ċ-ċittadini mobbli tal-Unjoni;

(c) jenħtieġ li l-proċessi u l-eżerċizzji ta' parteċipazzjoni jiġu ffaċilitati bl-aħjar għarfien espert disponibbli biex jiġi żgurat approċċ inklużiv li jippermetti lill-parteċipanti kollha jinstemgħu b'mod ugwali kif ukoll preżentazzjoni preċiża tal-pluralità tal-opinjonijiet dwar il-kwistjonijiet diskussi.

8. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw, jappoġġaw u jwettqu inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn iż-żieda tal-għarfien dwar l-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, u l-metodi u l-għodod disponibbli għall-appoġġ u t-trawwim ta' involviment effettiv fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika.

9. Jenħtieġ li l-Istati Membri jtejbu l-kapaċità taċ-ċittadini, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet pubbliċi biex jiżguraw parteċipazzjoni effettiva u sinifikanti fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika permezz ta' sessjonijiet ta' taħriġ u informazzjoni.

10. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddedikaw finanzjament speċifiku biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-qafas tagħhom għall-parteċipazzjoni fil-livelli kollha tal-gvern, inkluż billi jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi disponibbli tal-Unjoni.

**Miżuri speċifiċi biex jappoġġaw u jħeġġu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika pubblika**

11. Jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu eżerċizzji parteċipattivi u deliberattivi mmexxija miċ-ċittadini dwar deċiżjonijiet u politiki speċifiċi, u jappoġġaw u jippromwovu modi individwali u kollettivi ta' parteċipazzjoni, bħal panels taċ-ċittadini, assemblej taċ-ċittadini, u formati oħra ta' djalogu u kokreazzjoni. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri jistgħu jieħdu ispirazzjoni mill-esperjenza, mill-għarfien espert u mill-prattika tajba miġbura fil-kuntest tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, u mill-Panels sussegwenti taċ-Ċittadini Ewropej, kif ukoll minn standards internazzjonali bħal-Linji Gwida tal-OECD għall-Parteċipazzjoni Pubblika[49]. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li tali eżerċizzji jiġu ffaċilitati minn metodoloġija robusta u prinċipji fundamentali li jappoġġaw il-kwalità, l-inklużività u l-integrità tagħhom.

12. Meta jistiednu liċ-ċittadini għal eżerċizzji ta' involviment taċ-ċittadini ta' natura parteċipattiva u deliberattiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-inklużività bl-aħjar mod possibbli. Sabiex jagħmlu dan, jenħtieġ li jużaw l-aħjar tekniki statistiċi ta' kampjunar aleatorju u ta' għażla bil-polza. Fejn possibbli u kif meħtieġ, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw u jindirizzaw id-differenzi fil-parteċipazzjoni ta' gruppi differenti billi jagħmlu użu mill-istatistika u mill-istudji attitudinali. Jenħtieġ

49 https://www.oecd.org/publications/oecd-guidelines-for-citizen-participation-processes-f765caf6-en.htm

li l-għażla taċ-ċittadini tkun ibbażata fuq kriterji demografiċi, biex jiġi żgurat li l-parteċipanti jirriflettu l-konfigurazzjoni demografika tal-Istat Membru inkluż billi jibbaża fuq iċ-ċensiment jew *data* rilevanti simili oħra u kwalunkwe kriterju attitudinali li jiżgura d-diversità. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw kundizzjonijiet favorevoli għall-parteċipazzjoni mingħajr piż[50] u, fejn xieraq, ir-rimborż tal-kostijiet tal-parteċipazzjoni, inkluż biex jappoġġaw liċ-ċittadini ekonomikament esklużi.

13. Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu sforzi speċifiċi biex isaħħu l-parteċipazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ fil-ħajja politika u demokratika fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali inkluż fiż-żoni rurali u remoti. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri mill-awtoritajiet pubbliċi, speċjalment fi stabbilimenti ta' edukazzjoni u taħriġ u f'kuntesti oħra fejn it-tfal u ż-żgħażagħ huma attivi, biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni sinifikanti, inklużiva u sikura tat-tfal u taż-żgħażagħ mingħajr diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip.

14. Sabiex l-eżerċizzji ta' parteċipazzjoni fl-ispazju pubbliku diġitali jissaħħu, jenħtieġ li l-Istati Membri jesploraw l-użu ta' teknoloġiji ġodda li huma faċilment aċċessibbli għaċ-ċittadini. F'din il-perspettiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw il-litteriżmu medjatiku u l-ħsieb kritiku minn età żgħira 'l quddiem, li jiddependu, fost affarijiet oħra, fuq korsijiet ta' edukazzjoni tal-informazzjoni. Jenħtieġ li l-użu ta' teknoloġiji ġodda jkun f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali inkluż id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* u n-nondiskriminazzjoni, u ma' prinċipji bħall-inklużività, l-aċċessibbiltà u n-newtralità teknoloġika u tal-internet.

**Miżuri speċifiċi biex jappoġġaw u jipproteġu l-ispazju ċiviku biex jippermettu l-parteċipazzjoni effettiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**

15. Sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fil-proċessi ta' politika, jenħtieġ li l-Istati Membri joħolqu u jżommu ambjent sikur u abilitanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

16. Jenħtieġ li l-Istati Membri jħeġġu l-ħolqien ta' sħubijiet strateġiċi bejn l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bil-għan li jrawmu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika.

17. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu djalogi strutturati mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar suġġetti speċifiċi relatati mal-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li tali djalogi jmorru lil hinn mill-konsultazzjonijiet għal proposti speċifiċi ta' politika jew leġiżlattivi, u li jkunu regolari, dejjiema u orjentati lejn ir-riżultati.

18. Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa biex jipproteġu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili minn theddid, kriminalizzazzjoni, intimidazzjoni, fastidju kif ukoll attakki u forom oħra ta' atti kriminali, kemm offline kif ukoll online. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri:

(a) jiżguraw li:

(i) tkun disponibbli protezzjoni f'waqtha u effettiva għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għall-persunal u l-voluntiera tagħhom, kif

[50] Komparabbli mad-dmir tal-ġurija pprattikat f'xi Stati Membri, li jippermetti, pereżempju, ħin frank mix-xogħol.

ukoll għall-persuni qrib tagħhom, li s-sikurezza tagħhom tkun f'riskju reali jew potenzjali kredibbli minħabba l-ħidma tagħhom, inkluż billi titqajjem kuxjenza fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji dwar ir-riskji li jiffaċċjaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; f'każijiet partikolarment serji, jenħtieġ li tiġi żgurata protezzjoni immedjata permezz ta' ordnijiet ta' inibizzjoni u ta' protezzjoni ta' emerġenza;

(ii) l-atti illegali jiġu kkundannati minnufih, inkluż mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, u jiġu investigati u mħarrka minnufih, fejn meħtieġ;

(b) isir monitoraġġ tal-iżviluppi fl-ispazju ċiviku permezz ta' indikaturi ċari u oqfsa ta' rapportar, inkluż billi jirreferu għal standards internazzjonali eżistenti; jinħoloq u jinżamm kuntatt u djalogu kontinwu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiġi appoġġat tali monitoraġġ; tista' tinġabar informazzjoni rilevanti permezz tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u difensuri oħra tad-drittijiet tal-bniedem; jenħtieġ ukoll li tingħata attenzjoni speċjali għal attakki fiżiċi u online, kampanji ta' malafama, istanzi ta' diskorsi ta' mibegħda, u kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPP); trid tingħata attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u għall-membri tagħhom li jappartjenu jew li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tal-gruppi minoritarji, bħall-persuni LGBTIQ, il-migranti u l-applikanti għall-ażil, u l-integrità pubblika u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-ħarsien tal-ambjent;

(c) jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-atturi kollha involuti fil-monitoraġġ tal-iżviluppi fl-ispazju ċiviku u fil-protezzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed jiffaċċaw theddid u attakki relatati mal-ħidma tagħhom, inkluż billi jiżviluppaw protokolli għall-kooperazzjoni u jaqsmu l-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, l-awtoritajiet fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi tal-ugwaljanza, l-istituzzjonijiet tal-ombudsman u bl-istess mod jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha fit-territorju tagħhom;

(d) jiffaċilitaw l-aċċess għal proċeduri jew mezzi speċjali għar-rapportar ta' theddid u attakki, u jiddokumentaw u janalizzaw l-ambjent li fih jaħdmu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(e) jinformaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bil-protezzjoni u s-servizzi ta' appoġġ disponibbli, inkluż permezz ta' siti web apposta li jippreżentaw din l-informazzjoni b'mod sempliċi, aċċessibbli u faċli għall-utent; jenħtieġ li titqassam informazzjoni ċara b'mod proattiv lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fir-rigward tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-fornituri ta' servizzi ta' appoġġ biex jikkuntattjawhom f'każ ta' theddid u attakki;

(f) jiżguraw li s-servizzi eżistenti ta' appoġġ għall-vittmi u l-helplines ta' emerġenza jkunu disponibbli u mfassla għall-individwi li jaħdmu għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll għal persuni qrib tagħhom, meta s-sikurezza tagħhom tkun taħt riskju kredibbli reali jew potenzjali minħabba x-xogħol tagħhom; fejn applikabbli, jenħtieġ li s-servizzi ta' appoġġ jipprovdu informazzjoni, pariri legali u prattiċi, appoġġ psikoloġiku, u postijiet ta' kenn kif ukoll appoġġ biex tissaħħaħ is-sigurtà diġitali; jenħtieġ li jiġu pprovdut

pariri legali lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed jiffaċċaw SLAPPs; jenħtieġ li s-servizzi ta' appoġġ ikunu aċċessibbli faċilment u pprovduti b'mod kunfidenzjali u nondiskriminatorju, inkluż speċifikament għall-persuni b'diżabilità;

(g) jikkooperaw u jikkondividu informazzjoni, għarfien espert u l-aħjar prattiki ma' Stati Membri oħra, u, fejn rilevanti, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, dwar każijiet relatati mas-sikurezza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u għodod fis-seħħ biex jiżguraw il-protezzjoni tagħhom.

19. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddedikaw finanzjament speċifiku biex jibnu l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex isaħħu r-reżiljenza tagħhom meta jiffaċċaw theddid u attakki, u biex iżidu l-għarfien tagħhom dwar is-servizzi ta' appoġġ u l-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli għalihom.

20. L-Istati Membri huma mħeġġa jadottaw pjanijiet ta' azzjoni ddedikati, jew inizjattivi ekwivalenti biex jistabbilixxu oqfsa fil-livell nazzjonali għat-trawwim ta' spazju ċiviku abilitanti u sigur, kif ukoll parteċipazzjoni effettiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Magħmul fi Brussell, 12.12.2023

*Għall-Kummissjoni*
*Didier REYNDERS*
*Membru tal-Kummissjoni*

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Martine DEPREZ
Id-Direttur
Teħid tad-Deċiżjonijiet u Kulleġġjalità
KUMMISSJONI EWROPEA